

Ħarsa ġenerali lejn l-akkomodazzjonijiet possibbli fit-testijiet tas-selezzjoni

1. Introduzzjoni

L-EP SO huwa ddedikat biex jiżgura opportunitajiet indaqs u aċċess għall-proċeduri tas-selezzjoni tiegħu għall-kandidati kollha u għal dan il-għan huwa kontinwament jissorvelja l-proċessi ta' ttestjar u ta' selezzjoni tiegħu biex jiżgura li dan l-għan jinżamm. F'dan id-dawl, l-EP SO jipprovdi l-opportunità lill-kandidati kollha biex jindikaw jekk għandhomx ħtiġijiet speċifiċi minħabba diżabbiltà jew kundizzjoni medika, li jistgħu jeħtieġu akkomodazzjonijiet) raġonevoli fi kwalunkwe stadju tal-proċess tas-selezzjoni tal-EP SO jew fi kwalunkwe stadju jew fl-istadji kollha. Din l-informazzjoni hija kkomunikata b'mod ċar mill-bidu nett, fis-sit web tal-EP SO, fil-formola tal-applikazzjoni u f'kull Avviż ta' Kompetizzjoni individwali (għall-kompetizzjonijiet ġenerali) jew sejħa ta' espressjoni ta' interess (għas-selezzjonijiet tal-CAST).

Sabiex jiżdied l-għadd ta' kandidati b'diżabbiltà li jieħdu sehem fil-proċeduri tas-selezzjoni tal-EP SO, l-EP SO adotta pjan ta' komunikazzjoni mmirat li jinkludi sejħa għal kooperazzjoni lill-organizzazzjonijiet kollha tal-UE involuti fil-promozzjoni u l-benessri tal-persuni b'diżabbiltà. F'dan il-kuntest, l-EP SO żviluppa materjal promozzjonali sabiex jiċċara l-proċess ta' akkomodazzjoni raġonevoli u jinforma lill-kandidati dwar kif għandhom jitolbu aġġustamenti speċjali fit-testijiet tas-selezzjoni. Għal aktar informazzjoni dwar il-politika tal-EP SO dwar l-ugwaljanza u d-diversità u dwar kif din tpoġġi l-prinċipji f'azzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' kandidati bi bżonnijiet speċifiċi, żur is-sit web tal-EP SO tal-opportunitajiet indaqs: https://epso.europa.eu/how-to-apply/equal-opportunities_mt. Għal aktar informazzjoni dwar is-sejħa għall-kooperazzjoni u ara l-filmat dwar kif titlob aġġustamenti speċjali fit-testijiet ta' selezzjoni, żur is-sit web tal-EP SO ddedikat: https://epso.europa.eu/content/join-our-network-disability-organisations_mt. Barra minn hekk, [flyer pass b'pass](#) fuq il-proċedura ta' akkomodazzjoni raġonevoli jinsab ukoll f'din il-[verżjoni aċċessibbli](#) u stampat bil-Braille jekk issir [talba](#) għal dan.

2. Kif niddefinixxu akkomodazzjonijiet raġonevoli?

Billi jipprovdi akkomodazzjonijiet) raġonevoli, l-EP SO għandu l-għan li jiżgura li l-kandidati b'diżabbiltà u l-bżonnijiet speċifiċi jkunu jistgħu jesprimu bis-sħiħ il-kompetenzi tagħhom u jikkompetu fuq bażi ugwali ma' kandidati oħra. Il-provvista ta' akkomodazzjoni raġonevoli hija mod kif jitneħħew ostakli potenzjali ppreżentati minn diżabbiltà jew kundizzjoni medika individwali, mingħajr ma tiġi mmodifikata n-natura jew il-livell tal-kwalifika li tkun qed tiġi vvalutata. Mill-2008 'l hawn, l-EP SO bena ċerta kompetenza biex jiddefinixxi akkomodazzjonijiet) raġonevoli għal kandidati bi bżonnijiet speċifiċi. It-"Tim ta' Aċċessibbiltà tal-EP SO" inkluż psikologu superjuri speċjalizzat fl-akkomodazzjonijiet) raġonevoli f'testijiet ta' selezzjoni huwa responsabbli għall-analiżi ta' kull talba individwali għal aġġustamenti speċjali fuq bażi ta' każ b'każ u l-akkomodazzjonijiet) proposta/i hija/huma vvalidata/vvalidati fil-livell maniġerjali. Dan huwa eżerċizzju komprensiv u rigoruż li jqis, fost affarijiet oħra, l-elementi li ġejjin:

- It-talba għal aġġustamenti fit-testijiet tas-selezzjoni introdotti mill-kandidati permezz tal-formola ta' informazzjoni dwar bżonnijiet speċifiċi minħabba diżabbiltà jew kundizzjoni medika;
- Fehim tajjeb tan-natura u l-firxa tal-limitazzjonijiet funzjonali tal-kandidat fil-kuntest tas-selezzjoni;
- Dokumenti ta' sostenn minn professjonisti kwalifikati u/jew awtoritajiet nazzjonali (pereżempju ċertifikati ta' diżabbiltà, ċertifikati mediċi, rapporti speċjalizzati...);
- L-għarfien tal-EPPO fl-akkomodazzjoni raġonevoli;
- Għarfien espert estern (f'xi każijiet, esperti jiġu kkonsultati biex jippermettu l-aħjar definizzjoni possibbli ta' akkomodazzjonijiet bħas-servizz mediku tal-Kummissjoni tal-UE jew esperti esterni. Din il-konsultazzjoni hija kompletament anonimizzata u hija garantita l-protezzjoni tad-*data*);
- It-tip ta' testijiet u mezzi użati (pereżempju fuq kompjuter, bil-kitba jew *essay* fuq il-kompjuter, orali);
- Tip ta' output mistenni (pereżempju tweġibiet għal kwestjonarju b'għażla multipla, tip ta' *essay*, orali/interazzjoni)
- Tip ta' azzjonijiet meħtieġa biex jindikaw it-tweġibiet korretti (pereżempju klikk, ittajpjar, kitba, taħdit, interazzjoni)
- Kull tagħrif rilevanti ieħor

3. Ħarsa ġenerali lejn l-akkomodazzjonijiet possibbli fil-proċeduri tas-selezzjoni tal-EPPO

Dan id-dokument jippreżenta wħud mill-akkomodazzjonijiet possibbli li l-kandidati jistgħu jitolbu matul it-testijiet tas-selezzjoni. Huwa koprodott mill-EPPO u l-kuntrattur tal-EPPO (attwalment Prometric), u jiġi aġġornat kontinwament fuq il-bażi tal-iżviluppi fil-qasam ta' akkomodazzjonijiet raġonevoli, talbiet ġodda għal aġġustamenti speċjali u akkomodazzjonijiet ġodda mogħtija.

Għal kull tip ta' akkomodazzjoni, għandek issib:

- Deskrizzjoni tal-akkomodazzjoni ('xiex?' fil-glossarju ta' hawn taħt);
- fl-istadju tal-proċess tas-selezzjoni, meta tkun tista' tingħata din l-akkomodazzjoni ("meta?" fil-glossarju ta' hawn taħt);
- iċ-ċentri tal-ittestjar fejn din l-akkomodazzjoni tista' tingħata, jew fl-Ewropa jew madwar id-dinja ("fejn" fil-glossarju ta' hawn taħt);
- min hu responsabbli biex jipprovdi l-akkomodazzjoni ("min?" fil-glossarju ta' hawn taħt).

A. Informazzjoni importanti

- It-testijiet bil-kompjuter (*Computer-based tests*, CBT) iseħħu madwar id-dinja fiċ-ċentri tal-ittestjar tal-kuntrattur. Il-kuntrattur jimplimenta l-akkomodazzjoni(jiet) definita/i mit-Tim tal-Aċċessibbiltà tal-EPPO skont l-istruzzjonijiet tal-EPPO u t-tagħmir disponibbli;
- It-testijiet taċ-ċentru ta' valutazzjoni jsiru fil-bini tal-EPPO fi Brussell u fil-Lussemburgu;
- L-akkomodazzjoni(jiet) tiġi/jiġu implimentata/i mill-persunal tal-EPPO u/jew mill-membri tal-bord tas-selezzjoni;

- Il-glossarju ta' akkomodazzjonijiet mhuwiex eżawrjenti u jistgħu jiġu introdotti talbiet għal akkomodazzjonijiet oħra bbażati fuq il-bżonnijiet speċifiċi tal-kandidat. Kull talba tiġi analizzata fuq bażi ta' każ b'każ;
- Iċ-ċentri tal-ittestjar kollha huma aċċessibbli għas-siġġu tar-roti;
- L-akkomodazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi u t-tagħmir tal-IT huma soġġetti għad-disponibbiltà fiċ-ċentri tal-ittestjar ġestiti mill-kuntrattur. L-oġġetti kollha mhuwiex disponibbli fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha u f'xi każijiet jista' jkun li l-oġġetti jintbagħtu lejn ċentru tal-ittestjar. Sabiex jiġi żgurat li dan isir fi żmien xieraq, il-kandidati jingħataw il-parir li jintroduċu t-talbiet tagħhom malajr kemm jista' jkun;
- Dan il-glossarju huwa indikattiv sabiex juri l-akkomodazzjonijiet u l-funzjonalitajiet possibbli tat-tagħmir tal-IT u mhuwiex kuntrattwali. L-EPPO jagħmel l-almu tiegħu biex jipprovi lill-kandidati l-akkomodazzjonijiet raġonevoli meħtieġa;
- L-EPPO ma jista' jagħmel l-ebda akkomodazzjoni ta' "natura personali jew fiżika" (pereżempju rfiġ jew ikel mitmugħ);
- L-akkomodazzjoni(jiet) finali mogħtija tista' tkun/jistgħu jkun xi ftit differenti mit-talba inizjali tal-kandidat, minħabba n-numru ta' varjabbli li għandhom jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni ta' akkomodazzjoni(jiet) individwali raġonevoli. Dan huwa wkoll fl-interess tal-ugwaljanza u tal-ġustizzja għall-kandidati kollha kif ukoll f'konformità mal-aħjar prattiki internazzjonali f'dan il-qasam;
- Kundizzjonijiet mediċi multipli mhux bilfors jirriżultaw f'akkomodazzjonijiet kumulattivi.
- Niggarantixxu li d-*data* marbuta mad-diżabbiltà jew il-kundizzjoni medika tiegħek se tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018.

B. Glossarju ta' akkomodazzjonijiet possibbli

Il-ħin u l-postijiet tal-iskedar

Ħin addizzjonali

Xiex? Il-ħin allokat għal test jiġi estiż b'ċertu perċentwal ta' ħin żejjed (pereżempju 25 %, 33 %, 50 %, 75 %, 100 % jew 120 %). Pereżempju, kandidat li jkun ingħata 50 % ta' ħin addizzjonali għal test ta' 10 minuti jkollu 15-il minuta biex isir it-test minflok 10.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Pawżi estiżi

Xiex? Il-kandidati jistgħu jitħallew jieħdu pawżi itwal minn daww inizzjalment ippjanati. Dan jista' jkun il-każ għal kandidati tqal jew li jreddgħu pereżempju.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Pawżi flessibbli

Xiex? Il-kandidati jistgħu jirċievu pawżi flessibbli matul is-sessjoni tat-test sabiex jippermettulhom jistrieħu jekk il-kundizzjoni tagħhom tkun tiġġustifika dan. Dawn il-pawżi huma addizzjonali għal dawk diġà inkorporati fis-sessjoni tat-test.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u I-EP SO

Stazzjon tax-xogħol iżolata

Xiex? Jekk il-kundizzjoni tal-kandidat tiġġustifika dan, pereżempju persuni b'disturb deficitarju tal-attenzjoni, jistgħu jitqiegħdu f'rokna aktar iżolata tal-kamra tal-ittestjar biex ikun jista' jkollhom konċentrazzjoni aħjar. Dan huwa soġġett għad-disponibbiltà u d-daqs taċ-ċentru tal-ittestjar.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u I-EP SO

Skedar mill-ġdid

Xiex? F'xi każijiet speċifiċi ħafna ta' kundizzjonijiet mediċi temporanji bħal tqala jew perjodu madwar it-twelid, il-kandidati jistgħu jitolbu data ta' test differenti.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u I-EP SO

Kamra separata

Xiex? Tista' tinalab kamra separata minn kandidati li jridu jistrieħu jew li jreddgħu, pereżempju. L-ispazji privati huma soġġetti għad-disponibbiltà, jistgħu jeħtieġu li kandidat jivvjaġġa lejn ċentru tat-test mhux preferut, u mhumiex iggarantiti f'kull post taċ-ċentru tal-ittestjar. Alternattivament, il-kandidati jistgħu jingħataw pawżi biżżejjed jew jitolqu miċ-ċentru tal-ittestjar għal ħin speċifikat jekk kamra privata ma tkunx disponibbli kullimkien (pereżempju, dan jista' jkun il-każ għal kandidati li jkunu qed ireddgħu).

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Konferma minn qabel għal kull ċentru tat-test hija meħtieġa

Min? Kuntrattur u I-EP SO

Assistenza personali

Assistent proctor

Xiex? Assistent personali li jissorvelja l-ittestjar tal-kandidati u li jissorvelja l-ħin.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u I-EP SO

Assistent qarrej

Xiex? Assistent personali li jaqra l-mistoqsijiet u jakkumpanja lill-kandidat, fejn meħtieġ, matul il-perjodu kollu tat-testijiet.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Assistent reġistratur

Xiex? Assistent personali li jista' jassisti r-reġistrazzjoni tat-tweġibiet kandidati.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali

Xiex? Il-kandidati b'indeboliment sever ta' smiġħ jistgħu jitolbu interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali matul it-testijiet. Huwa importanti ħafna li tiġi introdotta t-talba malajr kemm jista' jkun biex jiġi żgurat li jkunu disponibbli interpreti adatti fil-lingwa mitluba tal-UE fil-ħin tal-ittestjar.

Meta? Fiċ-Ċentru ta' Valutazzjoni

Fejn? Il-bini tal-EP SO jew bini uffiċjali bħar-Rappreżentanzi tal-UE, delegazzjonijiet tal-UE iżda mhux fid-djar tal-kandidati.

Min? L-EP SO

Formati u preżentazzjoni tat-test

Stampar bil-Braille

Xiex? Il-kandidati b'vista batuta gravi għandhom il-possibbiltà li jitolbu li dawn it-testijiet jiġu stampati bil-Braille. Barra minn din l-akkomodazzjoni, huma se jkunu megħjuna minn assistenti personali ("assistent qarrej" ara hawn fuq).

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Bini tal-EP SO jew bini uffiċjali bħar-Rappreżentanzi tal-UE, Delegazzjonijiet tal-UE iżda mhux fid-djar tal-kandidati.

Min? L-EP SO

Testijiet tajbin għall-persuni daltoniċi

Xiex? Il-kandidati daltoniċi jistgħu jitolbu li jsiru testijiet mingħajr kuluri. Huma se jagħmlu t-testijiet tagħhom fil-format bil-pinna u fuq karta bil-kuluri kollha li tneħħew mingħajr ma tiġi affettwata l-kwalità tat-test.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Testijiet imkabbra

Xiex? Il-kandidati b'diżabbiltà fil-vista, pereżempju, jistgħu jitolbu format akbar tat-testijiet meta jkunu qed jaħdmu fuq il-karta. Pereżempju minflok ma jkun hemm format A4, il-kandidat jista' jirċievi testi stampati fil-format A3.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Kuntrast miżjud

Xiex? Id-daqs, il-kuntrast, il-luminożità, id-distanza u l-pożizzjoni tal-iskrin jistgħu jiġu aġġustati skont l-istruzzjonijiet tal-kandidat qabel il-bidu tat-testijiet. Il-kulur tal-ittri u/jew tal-isfond jistgħu jiġu mmodifikati u miżjuda għall-kandidati b'kundizzjoni speċifika fl-għajnejn. Fil-bini tal-EP SO hemm disponibbli apparat vidjomatiku LUX (Zoom/kuntrast).

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Teħid ta' noti

Xiex? F'xi każijiet partikolari bħal f'disturbi ta' tagħlim, pereżempju, il-kandidati jistgħu jitħallew jieħdu noti waqt it-testijiet. Normalment, il-kandidati jiġu pprovduti b'bordijiet li jitħassru u karta bajda. Dan huwa ddefinit miċ-ċentru tal-ittestjar u jista' jvarja.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar madwar id-dinja

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Testijiet bil-pinna u fuq il-karti

Xiex? Il-kandidati jistgħu jagħmlu t-test f'format fuq karta milli fuq il-kompjuter.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE jew fil-bini tal-EP SO inkluż xi bini uffiċjali bħal delegazzjonijiet tal-UE, Rappreżentanzi tal-UE

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Tagħmir

Dawl adattat

Xiex? Il-kandidati li jeħtieġu dawl addizzjonali jistgħu jitolbu lampa ta' skrivanija. Hija lampa ta' 230v bi 3 dawl LED. Daqs approssimattiv: 55 ċm (għoli) x 15 ċm (bażi). Meta possibbli, daww li huma sensitivi għad-dawl tal-jum se jitqiegħdu kemm jista' jkun 'il bogħod possibbli mit-twieqi, pereżempju.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa għal-lampi tal-iskrivanija. Fil-bini tal-EP SO.

Min? Kuntrattur u l-EP SO

Monitors akbar

Xiex? Monitors standard fiċ-ċentri tal-ittejtjar huma 23". Jista' jiġi propost monitor ta' 24" lil dawk li jeħtieġu skrin akbar.

Meta? Fit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittejtjar kollha tal-UE u fil-bini tal-EPPO

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Għamara għall-iskrivanija ergonomika

Xiex? Is-siġġijiet ergonomiċi huma disponibbli għall-kandidati kollha u jistgħu jiġu stabbiliti skont il-ħtiġijiet tagħhom. Skrivaniji b'għoli li jista' jiġi aġġustat huma disponibbli għal min juża s-siġġu tar-roti pereżempju.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Is-siġġijiet huma disponibbli fiċ-ċentri tal-ittejtjar kollha madwar id-dinja b'mod awtomatiku.

Għall-iskrivanija aġġustabbli hija meħtieġa konferma minn qabel mill-kuntrattur. Fil-bini tal-EPPO.

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Mouse ottiku ergonomiku

Xiex? Il-mouse ergonomiku jinkoraġġixxi pożizzjonijiet tal-polz u d-driegħ newtrali u f'saħħithom għal moviment aktar lixx u inqas strapazz ġenerali.

Meta? F'testijiet ibbażati fuq il-kompjuter organizzati fl-EPPO

Fejn? Fil-bini tal-EPPO jew bini uffiċjali bħal fir-rappreżentanzi, id-delegazzjonijiet...

Min? L-EPPO

Tastiera u tasti VIG

Xiex? Tastiera robusta u standard b'leġġendi ċari u kbar ħafna fuq it-tasti li jagħmluha xierqa għal persuni b'diżabbiltà fil-vista. It-tastiera hija sewda b'ittri bojod.

Meta? F'testijiet ibbażati fuq il-kompjuter organizzati fl-EPPO

Fejn? Fil-bini tal-EPPO

Min? L-EPPO

Kalkulatur kbir mhux programmabbli

Xiex? Kalkulatur ta' madwar 20 cm x 30 cm. Dan jista' jintalab pereżempju minn kandidati b'diżabbiltà fil-vista.

Meta? Testijiet ibbażati fuq il-kompjuter jew kull test li jeħtieġ kalkolu

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittejtjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa. Fil-bini tal-EPPO jew bini uffiċjali bħal fir-rappreżentanzi, id-delegazzjonijiet...

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Mouse li jintuża bl-id ix-xellugija

Xiex? Mouse li jippermetti lill-kandidati xellugin jittestjaw bil-kumdità.

Meta? Fit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa.

Min? Kuntrattur

Tagħmir li jkabbar l-Iskrin

Xiex? Tagħmir li jinkludi skrins imkabbra u filtri li jtejbu l-immaġni b'aktar minn darbtejn għal viżwalizzazzjoni faċli u tnaqqis fl-istrain u l-għeja tal-għajn. Fil-bini tal-EPPO fi Brussell, hemm disponibbli apparat vidjomatiku LUX (Zoom/kuntrast).

Meta? Fit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa. Fil-bini tal-EPPO fi Brussell.

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Stopwatch (timers manwali)

Xiex? Il-ħin manwali ta' eżami. Dan huwa arloġġ tal-idejn, imfassal biex ikejjel l-ammont ta' ħin li jgħaddi bejn l-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni tiegħu.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa. Fil-bini tal-EPPO jew bini uffiċjali bħal fir-rappreżentanzi tal-UE, id-delegazzjonijiet tal-UE...

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Mouse bit-Trackball

Xiex? Trackball kbir u li jintuża bis-saba' għal kontroll superjuri filwaqt li jitnaqqas il-moviment tal-id u tal-polz. Ideali għal kandidati b'kundizzjonijiet li jaffettwaw il-mobbiltà tal-idejn (bħal artrite, sindromu tal-*carpal tunnel*) jew kandidati fis-siġġijiet tar-roti li ma jkunux jistgħu jċaqalqu s-swaba'.

Meta? Fit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa.

Min? Kuntrattur

Mouse vertikali

Xiex? Dan il-mouse awtomatikament ipoġġi l-id u l-polz f'pożizzjoni naturali, rilassata (bis-saba' l-kbir 'l fuq). Il-mouse vertikali Evoluent 2 u l-mouse vertikali ergonomiku AHAA 3 huma disponibbli fil-bini tal-EPPO fi Brussell

Meta? Fit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter

Fejn? Fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-UE. Għaċ-ċentri barra mill-Ewropa konferma minn qabel mill-kuntrattur hija meħtieġa. Fil-bini tal-EPPO jew bini uffiċjali bħal fir-rappreżentanzi, id-delegazzjonijiet...

Min? Kuntrattur u l-EPPO

Software

Test imkabbar

Xiex? Software b'ingrandiment tal-iskrin avvanzat li jkabbar u jtejjeb l-immaġni/it-test fuq l-iskrin tal-kompjuter, u b'hekk il-kompjuter tiegħek ikun aktar faċli biex jinqara u jintuża.

Meta? Fit-testijiet ibbażati fuq il-kompjuter

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kuntrattur

IMPORTANTI: L-EP SO qed jaħdem b'mod attiv fuq l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni li tippermetti li l-kandidati li jużaw teknoloġija assistiva jgħibu l-apparati tagħhom stess fiċ-ċentri tal-ittestjar jew li jagħmlu testijiet mill-bogħod mid-dar billi jużaw it-tagħmir tagħhom stess.

Oġġetti personali

Għajnuniet ta' Komunikazzjoni

Xiex? Hearing Aid / Impjant Akustiku. Magnifikaturi tal-Kordi Vokali.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kandidat

Ikel u xorb

Xiex? Permessi biex oġġetti personali jiddaħħlu fil-kamra tal-ittestjar għal skopijiet mediċi bħad-dijabete.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kandidat

Apparat Mediku marbut mal-ġisem ta' persuna

Xiex? Stimulatur tax-Xewka tad-Dahar. Kateter. Borża tal-Kolostomija. Borża għal Drenaġġ Urinali. Tank tal-Ossiġnu. Pompa tal-Insulina. Unitajiet tat-TENS. Monitoraġġ tar-Rata tal-Qalb. Monitoraġġ Kontinwu tal-Glukożju.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kandidat

Mediċina u Apparati Mediċi

Xiex? Earplugs (Foam bl-ebda rbit): dawn normalment jiġu pprovduti mill-kuntrattur fiċ-ċentri tal-ittestjar kollha tal-kandidati tal-EP SO.

Faxxex. Ċineg - għall-Għonq, id-Dahar, il-Polz, ir-Riġel jew l-Għaksa. Qtar għas-Sogħla (għandhom ikunu mhux imgeżwrin u mhux fi flixxun/kontenitur).

Qtar għall-għajnejn. Irqajja' għall-għajnejn. Nuċċalijiet (mingħajr il-kaxxa). Lenti li Tinżamm fl-Idejn (mhux elettrika, mingħajr il-kaxxa).

Ċappetta ta' Twissija Medika. Ćibs / Kullar Ċervikali. Ċinga għad-Driegħ / Spalla. Ćibs forma ta' bwiez għall-mixi. Pilloli (iridu jkunu mhux imgeżwra u mhux ġo flixxun / kontenitur).

Il-kandidati jistgħu jgħibu pilloli li jkunu għadhom fl-imballaġġ jekk l-imballaġġ jiddikjara li JRIDU jibqgħu fl-imballaġġ, bħal pilloli tan-nitrogliċerina li ma jistgħux jiġu esposti għall-arja. (L-imballaġġ se jiġi spezzjonat mill-Amministratur taċ-Ċentru tat-Testijiet u se jiġi ppreżentat Rapport tal-Problemi taċ-Ċentru).

Maskli Kirurġiċi għall-Wiċċ. Maskli Mediċi. Ingwanti Mediċi tal-Gomma. Pakketti tas-Silġ.

Pads ta' Tisħin Mhux Elettriku. Monitor tal-Glukożju. Pilloli tal-Glukożju.

Pilloli tan-Nitrogliċerina.

Epi-Pen.

Inalatur.

Imħadda / Appoġġ għad-Dahar.

Banketta għall-appoġġ.

Meta? Matul il-fażijiet kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kandidat

Apparat tal-Mobilità

Xiex? Bastun. Krozzi. Siġġu tar-roti. Walker,...

Meta? Matul l-istadji kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kandidat

Animal tas-servizz

Xiex? Kelb jista' jakkumpanja lil persuna għamja fil-kamra tal-ittestjar.

Meta? Matul l-istadji kollha tat-test

Fejn? Fiċ-ċentri kollha tal-ittestjar.

Min? Kandidat

4. Aktar tagħrif

Kull mistoqsija dwar it-talba tiegħek għal aġġustamenti speċjali u arranġamenti raġonevoli possibbli jenħteġ li tiġi indirizzata lit-tim [EPSO ACCESSIBILITY](#).

Il-proċess ta' akkomodazzjoni raġonevoli tal-EPPO huwa dinamiku u jiġi mmonitorjat u rivedut b'mod kontinwu fid-dawl tat-titjib tas-servizzi tagħna offruti lill-kandidati b'diżabilità u bi bżonnijiet speċifiċi. Kif diġà ssemma, dan il-glossarju se jiġi aġġornat regolarment abbażi ta' żviluppi fil-qasam tal-akkomodazzjoni raġonevoli, talbiet ġodda għal aġġustamenti speċjali u akkomodazzjonijiet ġodda mogħtija.

Tmiem id-dokument

